**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ nru:** | K/005 |
| **Ilment:** | Abbuż ta' poter konsistenti f'dewmien fil-proċessar ta' talba għal *leave* ta' assenza mill-isptar Monte Carmeli, motivat minn konsiderazzjonijiet politiċi jew ta' tpattija. |
| **Min għamel l-ilment:** | [Imħassar] |
| **Data tal-ilment:** | 14 ta' Frar 2019 |
| **Data ta' dan ir-rapport:** | 6 ta' Settembru 2019 |

*[Dan ir-rapport qed jiġi ppubblikat b'isem il-persuna li għamlet l-ilment u dettalji oħra li jistgħu jidentifikaw l-ilmentatur imħassra. It-tħassir huwa indikat permezz ta' parenteżi kwadri.]*

**L-ilment:**

1. B'email datata 14 ta' Frar 2019 indirizzata lili (kopja annessa u markata Dok A) [eskluża minn din il-verżjoni tar-rapport] [isem l-ilmentatur] għamel ilment kontra:

i. Il-Kunsill Mediku;
ii. Il-Psikjatra [isem imħassar];
iii. [il-kap tal-entità fejn kien jaħdem l-ilmentatur];
iv. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, Dr Owen Bonnici.

**Deċiżjoni li ninvestiga:**

2. L-ilment huwa dwar abbuż ta' poter konsistenti f'allegazzjoni ta' dewmien fil-proċessar ta' talba għal *leave* ta' assenza mill-isptar Monte Carmeli, motivat minn konsiderazzjonijiet politiċi u/jew ta' tpattija personali.

3. In kwantu l-ilment huwa kontra il-Kunsill Mediku, il-Psikjatra [isem imħassar] u [l-kap tal-entità fejn kien jaħdem l-ilmentatur] ma jistax jiġi kunsidrat minni stante li dawn ma jaqgħux fl-iskop tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap 570), filwaqt li l-ilment kontra l-Ministru Owen Bonnici jista' jiġi investigat.

4. [L-ilmentatur] ma jindikax liema aspett tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari u/jew tal-Membri Parlamentari jew dmir statutorju ieħor għandu jiġi investigat iżda fil-fehma tieghi, kemm-il darba jirriżulta dak allegat, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22 (2) tal-Kap 570 li jistipula li kemm-il darba *"fl-imġiba li tikkostitwixxi l-qofol tal allegazzjoni, tkun twettqet xi setgħa diskrezzjonali b'mod li jikkostitwixxi abbuż ta' poter"*, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22.

**Investigazzjoni:**

5. Skambjajt diversi emails [mal-ilmentatur] u tlabt lill-Ministru Bonnici jirrispondi għall-allegazzjonijiet magħmula.

6. Iltqajt mal-Ministru Bonnici fit-13 ta' Ġunju 2019 fejn tlabtu jispjega ċ-ċirkostanzi tal-każ u jagħtini *timeline* tal-fatti kif jafhom hu.

**Il-Fatti fil-Qosor:**

7. [L-ilmentatur] kien akkużat b' xi reati konnessi ma' [imħassar].

8. Il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-[imħassar] 2014 ma sabitux ħati minħabba li kien fi stat ta' ġenn fiż-żmien tal-allegati reati u għalhekk ordnat li jinżamm taħt kustodja fl-isptar Monte Carmeli.

9. Għalhekk [l-ilmentatur] ġie rikoverat Monte Carmeli u minn hemm bdew it-talbiet tiegħu biex jiġi mogħti aktar żmien barra mill-isptar bhal parti mit-trattament għal dak li jissejjaħ *leave* ta' assenza u dan skont l-art 37 (b) tal-Kap 525.

10. Jidher li [l-ilmentatur] diġà kellu xi sentenza preċedenti (2005) fejn kien hemm ordni ta' rikoveru l-isptar Monte Carmeli minn fejn eventwalment ġie meħlus.

11. Bħala fatt il-ħelsien mill-isptar skont l-Art 37 (a) tal-Att Dwar is-Saħħa Mentali (Kap 525) wara kundanna ai termini tal-Art 623 tal-Kap 9, jista' jsir biss mill-Qorti li

ikkundannatu, filwaqt li l-*leave* tal-assenza jiġi approvat mill-Ministru għall-Ġustizzja dejjem fuq il-parir tal-esperti mediċi.

12. Kwindi it-talbiet għal-*leave* ta' assenza mill-isptar saru, kif kellhom isiru, lill-Ministru Bonnici.

13. [L-ilmentatur] ilmenta minn dewmien fl-approvazzjoni ta' dan il-*leave* ta' assenza minkejja li kien hemm rakkomandazzjoni mill-ispeċjalista responsabbli, f'dan is-sens.

14. Fil-fatt qabel l-applikazzjoni għal-*leave* ta' assenza meritu ta' dan ir-rapport, il-Ministru kien diġà approva żmien itwal ta' *leave* tal-assenza f'Settembru 2017 u inqas minn sena wara, jiġifieri fl-24 ta' Awissu 2018, saret talba oħra liema talba fil-fehma [tal-ilmentatur] damet biex tiġi proċessata.

15. Dan id-dewmien jifforma l-meritu ta' dan l-ilment.

16. Mitlub jikkummenta dwar din l-allegazzjoni u kif seħħew il-fatti, il-Ministru ddikjara s-segwenti:

> *Qabel l-ilment lill-uffiċċju tiegħi kien sar ukoll ilment lill-Ombudsman, li għalhekk kien qed u għadu qed jiġi trattat mill-Kummissarju għas-Saħħa.*
>
> *L-istorja tal-każ turi li dan il-pazjent kien intbagħat l-Isptar Monte Carmeli fuq ordni tal-Qorti fil-*[imħassar] *2005 u fit-*[imħassar] *2006 kien ingħata permess ta' assenza mill-Isptar taħt il-kondizzjoni li dan ikun bil-qbil tal-Psikjatra responsabbli u li l-pazjent jattendi għall-kura fit-Taqsima tal-Psikjatrija tal-Isptar San Luqa għall-anqas darba fix-xahar jew kif jista' jordna mod ieħor l-istess psikjatra.*
>
> *Fis-*[imħassar] *2014* [l-ilmentatur] *reġa' ntbagħat mill-Qorti l-Isptar Monte Carmeli wara li kien ġie akkużat bi* [imħassar].
>
> *Fl-4 ta' Lulju 2014 huwa kien applika biex il-każ tiegħu jiġi riferut lit-Tribunal għar-Reviżjoni tas-Saħħa Mentali mingħajr ma segwa l-proċedura meħtieġa u l-istess Tribunal b'deċiżjoni tal-21 ta' Awwissu 2014 kien iddeċieda li ma kienx f'pożizzjoni li jagħti parir peress li l-proċedura meħtieġa mil-liġi ma kinitx ġiet segwita.*
>
> *Minn dakinhar il-każ* [tal-ilmentatur] *ġie referut għall-eżami dettaljat tal-Kummissarju dwar is-Saħħa Mentali darbtejn u jien dejjem segwejt il-konklużjonijiet studjati u dettaljati tal-Kummissarju għas-Saħħa Mentali*

*u/jew il-Kumitat ta' Revizjoni dwar is-Saħħa Mentali fid-deċiżjonijiet tiegħi dwar il-modalitajiet ta' kura u kustodja* [tal-ilmentatur] *bl-aktar rakkomandazzjoni reċenti li akkordajt tkun fis-16 ta' April 2019 wara talba li kien għamel Dott* [isem imħassar] *f'isem* [l-ilmentatur] *nhar l-24 ta' Awissu, 2018. Skans kull ekwivolu d-deċiżjoni tiegħi tas-16 ta' April, 2019 rrispekkjat in toto l-parir tal-Kumitat ta' Reviżjoni dwar is-Saħħa Mentali tas-27 ta' Marzu, 2019. Naturalment qabel ngħaddi għad-deċiżjoni niehu wkoll il-parir legali tal-Avukat Generali li f'dan il-każ wasal għandi fil-15 ta' April, 2019.*

**Ikkunsidrajt:**

17. L-allegazzjoni hi li d-dewmien fl-approvazzjoni tal-*leave* ta' assenza ġie kawżat minn riferenza allegatament bla bżonn li għamel il-Ministru lill-Avukat Ġenerali u lill-Kummissarju tal-Pulizija biex b'hekk twalu l-proċeduri.

18. L-allegazzjoni hi li l-Ministru kien influwenzat minn żewġ fatturi estranji:

i. tixwix mill-[kap ta' entità], fejn kien jaħdem [l-ilmentatur], u li kellu kontra tiegħu billi kien għamel xi allegazzjonijiet ta' abbużi [fl-entità]; u

ii. allegazzjoni li [l-ilmentatur] kien ikkontribwixxa fuq il-blog ta' Daphne Caruana Galizia.

19. Dawn l-allegazzjonijiet ġew kategorikament miċħuda mill-Ministru Bonnici li stqarr, u wera, li huwa mexa eżatt skont il-pariri li kellu. In fatti t-talba [tal-ilmentatur] għal perjodu itwal ta' assenza mill-isptar ġiet milqugħa skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-esperti mediċi fi żmien jumejn minn meta l-Ministru irċieva l-aħħar parir u cioe dak tal-Avukat Ġenerali.

**Konklużjoni:**

20. Il-maġġor parti tal-fatti allegati, inkluż l-allegazzjonijiet dwar it-tixwix [tal-kap tal-entità fejn kien jaħdem l-ilmentatur] u r-rabta [tal-ilmentatur] mal-blog ta' Daphne Caruana Galizia, ġraw qabel d-data tat-30 ta' Ottubru 2018 u aktar minn tletin jum tax-xogħol qabel ma sar l-ilment. Skont il-Kap 570, jiena nista' ninvestiga atti li seħħew mit-30 ta' Ottubru 2018 'il quddiem u li ilment dwarhom sar mhux aktar minn tletin jum tax-xogħol minn meta l-ilmentatur sar jaf bihom. Fi kwalunkwe każ, fil-fehma tiegħi ma sibtx rabta bejn dawn l-allegazzjonijiet u d-dewmien li qed jiġi investigat.

21. Kwantu għall-allegazzjoni li l-Ministru dam ma rrejaġixxa għat-talba għal aktar *leave* ta' assenza, jiena dispost naċċetta l-verżjoni tal-Ministru li stante li huwa kien diġà laqa' talba simili inqas minn sena qabel dina t-talba, kienet fil-limiti tad-diskrezzjoni tiegħu bħala Ministru li wara li jagħmel konsultazzjonijiet interni jiddeċiedi meta jkun il-waqt li jerġa' jikkunsidra tali talba. Inoltre jidher li hija l-prattika li l-Ministru jieħu il-parir tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali oltre tal-esperti mediċi, f'każijiet bħal dawn. Din hija setgħa diskrezzjonali tal-Ministru u ma nħossx li għandi nindaħal mingħand min jieħu l-pariri Ministru sakemm ma nkunx tal-fehma li dan huwa mod ta' abbuż. Wieħed neċessarjament jifhem li deċiżjoni bħal din hija waħda ta' ċertu delikatezza billi trid tibbilanċja ix-xewqa legittima tal-individwu għall-ħelsien minn kundanna ta' rikoveru fl-isptar Monte Carmeli mal-interess tas-soċjetà għall-protezzjoni.

22. Huwa biss f'każijiet lampanti ta' abbuż serju ta' xi setgħa diskrezzjonali li għandi nikkunsidra li nintervjeni bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22 (2) tal-Kap 570.

23. F'dan il-każ l-iktar li jirriżultali huwa dewmien forsi ftit eżagerat fil-proċessar tal-applikazzjoni li l-Ministru deherlu kien bżonjuż u li ma jammontax għal abbuż.

24. Nieħu l-opportunità biex nistieden il-Ministru għall-Ġustizzja jikkonsidra kemm huwa għaqli li jżomm dan id-dritt li jagħti hu *leave* ta' assenza ai termini tal-artikolu 37 (b) tal-Kap 525, jiġifieri f'każijiet fejn il-Qorti tkun ordnat li akkużat jinżamm taħt kustodja fl-Isptar Monte Karmeli. Illum il-ġurnata bin-nomina ta' Kummissarju ghas-Saħħa Mentali, jista' jkun li dan il-*leave* għandu jingħata jew mill-Kummissarju stess jew mill-Qorti li tkun għamlet l-ordni wara konsultazzjoni mal-Kummissarju għas-Saħħa Mentali u l- ispeċjalista responsabbli. Dejjem għandu jkun hemm xi forma ta' appell minn dina d-deċiżjoni. Ta' min wieħed iżomm f'moħħu li f'dawn il-każijiet l-individwu ma jkunx instab ħati ta' reat u għalhekk kundanna għal żamma fi sptar mentali b'mod indefinit tista' tagħti lok għal abbuż u inġustizzja.

25. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi filwaqt li nissolleċita l-Ministru li fil-futur ikun aktar sensittiv u effiċjenti fl-ipproċessar ta' applikazzjonijiet simili, ma nsibx li l-aġir tiegħu jammonta għal ksur tal-Kodiċi tal-Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari jew dmir statutorju ieħor, jew imġiba li tikkostitwixxi abbuż ta' setgħat diskrezzjonali skont kif jipprovdi l-artikolu 22 (2) tal-Kap 570.

26. Kopja ta' dan ir-rapport qed tingħata [lill-ilmentatur]; lill-Ministru Bonnici; u lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-

informazzjoni tal-membri. Hija r-rakkomandazzjoni tiegħi li r-rapport sħiħ ma jiġix ippubblikat minħabba li l-każ huwa sensittiv u jinvolvi individwu privat. Għal din ir-raġuni jiena se nippubblika biss, permezz tas-sit elettroniku tal-uffiċċju tiegħi, kopja tar-rapport mingħajr dettalji personali u mingħajr dettalji li jistgħu iwasslu biex l-ilmentatur jiġi identifikat.

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika